# Ir-Raħal ta' Santa Venera u ġrajjietu

**Chev. Mario Coleiro O.S.J.**

Din is-sena qegħdin niċċelebraw l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tar-raħal tagħna bħala Parroċċa indipendenti, u għalhekk ta' min wieħed jiffoka fuq l-istorja ta' dan ir-raħal: kemm fuq dak li kien qiegħed jiġri qabel it-twaqqif tal-parroċċa, u kif ukoll b'mod partikolari kemm fuq kif sar żvilupp totali wara li kienet stabbilita l-Parroċċa.

### Iż-żmien bikri

Ir-raħal ta' Santa Venera sar parroċċa fil-4 ta' Settembru, 1918. Kif tistgħu timmaġinaw biex waslet din id-data importanti kellhom jgħaddu ħafna snin li fihom kien qiegħed jiżviluppa dan ir-raħal. Għalhekk ser imorru lura fiż-żmien meta pajjiżna kien ħafna differenti min kif nafuh illum. Irridu nżommu f'moħħna li Malta ġiet abitata l-ewwel darba għal ħabta ta' 7000 sena ilu, jiġifieri 5000 sena qabel Kristu. Il-fdalijiet preistoriċi jindikaw fejn setgħu kienu jgħixu n-nies f'dan il-perjodu.

L-inħawi ta' Santa Venera jinsabu fil-parti ċentrali ta' Malta, iżda nafu li l-Port il-Kbir u dak ta' Marsamxett kienu jibqgħu deħlin ħafna aktar 'il ġewwa minn kif nafuh illum. Dan ifisser li l-ilma baħar min-naħa tal-Imsida kien jibqa' dieħel 'il ġewwa fil-wied, ħafna aktar minn fejn insibu l-Għajn tal-Ħasselin. Dan jurina li fi żmien il-preistorja l-baħar kien faċilment jista' jasal 'il ġewwa sa taħt l-inħawi ta' Santa Venera. Għalhekk l-art li illum tissejjaħ Santa Venera, kellha l-baħar imiss magħha. Dan seta' kien ta' vantaġġ għan-nies ta' żmien il-ħaġar li s-sorsi tal-manteniment tagħhom kienu l-biedja u s-sajd, u post bħal dawn l-inħawi kienu tajbin għall-biedja, għax kellhom art għammiela u li kellha ħafna nixxigħat ta' ilma naturali. Kienet art tajba wkoll għas-sajd għax kien viċin il-baħar. Dawn il-fatturi kienu strumentali biex f'dawn l-inħawi l-abitazzjoni kienet waħda bikrija ħafna. Għalhekk minn dak iż-żmien sar ħafna taqlib tal-art u jekk kien jeżisti xi fdalijiet ta' dawn l-ewwel abitanti nqered mal-mogħdija taż-zmien.

L-eqdem fdalijiet li nstabu fl-inħawi ta' Santa Venera jeħduna saż-żmien Puniku li jiġi madwar 500 sena qabel Kristu. Dawn kienu oqbra mħaffrin

fil-blat tal-perjodu tal-Feniċi u Kartaġiniżi li fihom instabu diversi difniet. Mir-rapport annwali tad-Dipartiment tal-Mużewijiet naraw li fis-snin sittin instabu numru ta' oqbra Punici fl-inħawi ta' Fleur-de-lys li fihom instabu difniet tal-perjodu tal-Feniċi. Ftit 'il bogħod minnhom fejn insibu l-Istitut ta' Vincenzo Buġeja, kienu nstabu oqbra oħrajn li jindikaw li kienu taż-żmien Puniku tardiv (żmien il-Kartaġiniżi). Fis-snin sebgħin fi Triq Ħal Qormi, waqt xogħol ta' tqattigħ ta' trinek għall-katusi tal-ilma, instabu numru ta' oqbra tal-perjodu Ruman. Fihom kien jidher li saru diversi difniet, li mill-fuħħar li kien impoġġi magħhom fil-qabar wera, li dawk midfuna kienu nies li kienu jappartjenu lil familji ta' ċerta pożizzjoni fis-soċjetà.

Dawn is-sejbiet juru li l-inħawi ta' Santa Venera kienu abitati sa minn żmien il-Feniċi. Is-sistema tad-dfin fiż-żmien Puniku Ruman, kienet li jitħaffru oqbra fil-blat ftit 'il barra miċ-ċentru abitat, u fihom jindifnu dawk li jmutu mill-qraba ta' dawk l-abitanti li kienu jgħixu viċin. Kienet sistema li kienet prattikata f'dan il-perjodu madwar l-Ewropa kollha. Ir-raġuni ewlenija kienet li jevitaw il-mard li seta' jiġi mill-katavri. Din is-sistema baqgħet kważi sa żmienna, għax sa ftit tas-snin ilu f'ċertu rħula, għadek tara li ċ-ċimiterju jkun 'il barra mill-qalba tar-raħal.

Ftit li xejn instabu traċċi jew għallinqas fadlilna traċċi ta' abitanti f'perjodi oħra, iżda teżisti t-tradizzjoni li f'dawn l-inħawi, proprju viċin il-Knisja l-Qadima kien jeżisti tempju pagan iddedikat lil Afrodite jew kif sejħulha r-Rumani, Venere li kienet l-alla tas-sbuħija. Issib lil min jazzarda jgħid li d-devozzjoni lejn SantaVenera f'dawn l-inħawi daħlet biex jinqatel l-isem t'Alla Venere, u għalhekk il-Knisja kienet iddedikata lil Santa Venera. Imma kif għedtilkom din hija biss tradizzjoni li m'għandhiex bażi arkeoloġika jew storika li ssaħħaħha.

## Żmien il-Medju Evu

Fi żmien il-medju evu jidher li l-attività kienet kontinwa, fejn kellek bini li kien imur sa dan iż-żmien li llum ma fadal xejn minnu. Naraw kif ħafna qabel ma' bdiet tinbena l-Belt Valletta, fil-kampanja bdew jiżviluppaw diversi rħula u parroċċi. Dan sar l-aktar wara li l-gżejjer Maltin kienu meħlusa minn taħt idejn l-Għarab mill-Konti Ruġġieru. Dan seħħ fl-1090. Sa dak iż-żmien kienu stabbiliti l-Belt tal-Imdina flimkien mar-Rabat. L-inħawi tal-port kienu kkonċentrati madwar il-Birgu, filwaqt li kellek postijiet fil-kampanja li kienu bdew jiżviluppaw. Fosthom insibu ż-Żejtun, Bir Miftuħ (il-Gudja tal-lum), iż-Żurrieq, Ħal Qormi, Birkirkara, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, in-Naxxar, Ħal Tartarni (Ħad- Dingli tal-lum) u l-Mellieħa. Dawn magħhom kellhom

territorji kbar u Malta kienet tinqasam f'żoni li kollha kienu jagħmlu parti minn dawn il-postijiet.

Fl-1436 l-Isqof Senatore De Mello għamel inventarju magħruf bl-isem ta' *Rollo* tal-gżejjer Maltin, fejn fih dettalji ta' kif kienu mqassmin il-parroċċi ta' Malta u ta' Għawdex. Il-Knisja Katidrali ta' Malta kienet il-Katidral tal-Imdina, warajha konna nsibu l-Knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu. In-Naxxar parroċċa it-Twelid tal-Madonna, magħha kellha l-Mosta u Ħal Għargħur. Birkirkara parroċċa Sant'Elena, magħha kellha lil Ħal Lija, Ħal Balzan, Ħ'Attard, Ħal Bordi, Ħal Mann flimkiena mal-inħawi ta' Tas-Sliema u San Ġiljan, l-Imsida u Santa Venera. Parroċċa oħra kienet ta' Ħal Qormi San Ġorg li kellha magħha l-Marsa, Ħal Kaprat u l-inħawi fejn illum insibu l-Ħamrun u l-Belt Valletta. Il-parroċċa ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ kienet tiġbor fiha l-irħula tal-Gudja, Ħal Luqa, Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, L-Imqabba, Ħal Safi u Ħal Farruġ. Imbagħad konna nsibu l-parroċċa taż-Żejtun Santa Katerina li kellha magħha l-irħula ta' Bisqallijn, Ħaż- Żabbar, Ħal Għaxaq u Ħal Bisbut. Parroċċa oħra ddedikata lil Santa Katerina kienet dik taż-Żurrieq li magħha kienet tiġbor lill-Qrendi, Ħal Lew, Ħal Millieri, Bubaqra, Ħal Manin u Ħal Far. Il-Parroċċa ta' San Nikola tas-Siġġiewi kienet tiġbor magħha lil Ħal Kbir, Ħal Xluq u Ħal Mula. San Filippu kienet il-parrocca ta' Ħaż-Żebbug li magħha kellha lil Ħal Muxi u Ħal Dwin. Senatore De Mello isemmi żewġ parroċċi oħra li wara kienu tneħħew biex reġgħu twaqqfu wara ħafna snin, dawn kienu Santa Duminka ta' Ħal Tartarni li wara reġgħet twaqqfet bħala parroċċa ta' Ħad-Dingli. Il-parroċċa l-oħra kienet it-Twelid tal-Madonna tal-Mellieħa, li meta tneħħiet ingħaqdet l-ewwel mal-Katidral u wara mal-parroċċa tan-Naxxar. Wara din kienet reġgħet ġiet stabbilita bħala parroċċa. F'Għawdex il-parroċċi kienu kkonċentrati fir-Rabat.

## Inħawi żgħar f'Santa Venera

Lilna l-aktar parroċċa li tinteressana hija l-parroċċa ta' Sant Elena ta' Birkirkara, kif ukoll xi ftit il-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Meta wieħed jifli l-art kollha li kienet tagħmel fit-territorju ta' dawn iż-żewġ parroċċi, jinduna li r-raħal tagħna kien jifforma l-parti l-kbira tiegħu minn Birkirkara, u parti oħra minn Ħal Qormi. Dawn iż-żewġ parroċċi bħalma ġa semmejt, kienu tnejn mill-parroċċi li kienu ġa stabbiliti fil-1436.

Ftit snin wara l-viżta ta' Senatore De Mello, insibu li tissemma l-ewwel darba l-knisja ddedikata lil Santa Venera f'dawn l-inħawi li kienu jiffurmaw parti mit-territorju ta' Birkirkara. Jista' jkun li din hija d-data ta' meta nfetħet din il-knisja, jew inkella din kienet ġa qiegħda tiffunzjona. Is-sena mniżżla

fil-manuskritti antiki hija l-1473. Din id-data turina sew li kważi mitt sena qabel ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann f' Malta fl-1530, ir-raħal tagħna kien ġa qiegħed jifforma u kellu isem li kien Ta' Santa Venera. F'dawn l-inħawi nsibu ismijiet ta' rħula żgħar oħra li huma verament antiki bħal Ħal Kaprat, li kien fejn illum insibu Triq il-Kanun, il-parti viċin l-Iskola ta' St. Michael. Dan ir-raħal jissemma fil-lista tal-Għases tax-xtajta magħrufa bħala l-Maħras, fejn jissemmew li kien hemm 8 irġiel li kienu qegħdin mal-għases u li kienu ġejjin minn popolazzjoni ta' 40 u li kienu jgħixu f'dan ir-raħal. Insibu ukoll l-isem tal-Imrieħel li għadu jeżisti sal-lum. Dawn iż-żewġ ismjiet juruna rabta mal-merħliet tar-ragħajja li setgħu kienu jabitaw f'dawn l-inħawi. Isem ieħor antik u li jitfa' ftit tagħrif fuq x'kien qiegħed jiġri f'din ix-xaqliba ta' Malta, huwa Misraħ il-Barrieri. Dan l-isem kien l-isem ta' raħal ċkejken li kien jibda minn fejn il-Palazz l-Aħmar u jibqa' sejjer san-niżla li tagħti għall-Imsida. Dan il-post kien mimli attività meta fuq l-għolja Xiberras, il-Gran Mastru De Valette kien beda jibni l-belt il-ġdida Valletta. Misraħ il-Barieri kien minn fejn inqata' l-ġebel biex inbnew il-palazzi u l-bereġ li żejnu lill-Belt Valletta. Il-ġebel prattikament kien jinqata' minn dawn il-barrieri u jitniżżel lejn il-wied tal-Imsida biex minn hemm jitgħabba fuq il-braken u jittieħed lejn Marsamxett. Minkejja li dawn il-postijiet kienu ħadu l-forma ta' rħula żgħar, l-ebda wieħed minnhom ma kellu knisja li setgħet taqdi lil dawk li kienu jgħammru fihom. L-uniku post li kellu knisja kien l-irħajjel ta' Santa Venera, u għalhekk dan ħa importanza aktar mill-oħrajn.

Biż-żmien dawn l-erba' postijiet, li tlieta minnhom kienu fit-territorju ta' Birkirkara, jiġifieri L-Imrieħel, Ta' Santa Venera u Misraħ il-Barrieri, u dak ta' Ħal Kaprat kien fit-territorju ta' Ħal Qormi kienu ngħaqdu bejniethom biex iffurmaw ir-raħal li l-isem tiegħu kellu ikun l-aktar wieħed li kien popolari minn dawn l-erbgħa. Dan kien Santa Venera li kif jidher, kien l-aktar wieħed popolat, u li kellu Knisja funzjonabbli. Mill-bini li kien jifforma dawn l-irħula żgħar illum ftit li xejn fadal. Għalhekk nistgħu ngħidu li r-raħal ta' Santa Venera żviluppa kollu madwar din il-knisja, li għalkemm għal bosta snin kienet meqjusa bħala erimitaġġ, xorta kienet qiegħda taqdi lil dawk kollha li kienu jgħixu f'dawn l-inħawi.

## Devozzjoni lejn Santa Venera

Kif diġà semmejt jidher li l-ewwel darba li tissemma din il-knisja kien fl-1473. Din kienet daqsxejn ta' kappella li nbniet fuq ir-riħ tal-wied tal-Kunċizzjoni, illum l-Imsida u li kienet tagħmel parti mit-territorju ta' Birkirkara. Kif daħlet id-devozzjoni fil-bidu lejn Santa Venera ma nafux

ezatt. Xi storiċi jsostnu t-teorija li din il-qaddisa ntużat biex tnissi l-isem ta' Alla Venere li skont it-tradizzjoni, f'dan il-post kien jeżisti tempju ddedikat lilha. Storiċi oħra jsostnu li d-devozzjoni setgħet daħlet minn xi Sqallin li kienu jabitaw f' dawn l-inħawi. Teżisti wkoll l-idea li d-devozzjoni lejn din il-qaddisa f'dan il-lok inġiebet minn xi Griegi li kienu jgħixu f'dan il-post. Fil-fatt għal xi żmien din il-knisja kienet tissejjaħ bħala *Santa Venera dei Greci*.

Naturalment irridu nsemmu ukoll li għal xi żmien, din il-knisja flimkien ma' numru ta' kmamar li kienu jinsabu madwarha, kienu jintużaw bħala l-eremitaġġ ta' San Kaloġeru. F'dan iż-żmienn jissemma Patri Naplitan li kien jismu Ġwakkin Viva li għamel xi żmien imexxi lil dawn l-eremiti ta' San Kaloġeru. Ftit tas-snin qabel l-Assedju l-Kbir tal-1565, din il-knisja tkabbret u ssewwiet xi ftit. Dan kien għall-ħabta tal-1550, iżda waqt l-assedju meta l-Maltin kienu kollha magħluqin mis-swar 'il ġewwa, it-Torok kissru u farrku kulma sabu u din il-knisja ma kenitx eċċezzjoni u ġarrbet bosta ħsarat. Nafu wkoll li maġenbha kellha ċimiterju ċkejken, li fih wara l-assedju, indifnu bost suldati merċenarji, li l-Gran Mastru kien ġab minn barra minn Malta biex jiddefendu l-Birgu. Il-fatt li f'dan iċ-ċimiterju kienu difnu lil dawn is-suldati, kien biżejjed biex attira devozzjoni kbira u għalhekk il-Knisja kienet miżmuma tajjeb ħafna.

## Iż-żjara ta' Mons. Pietro Dusina fl-1575

Din hija knisja li fl-istorja tagħha qatt ma ġiet profonata u dejjem baqgħet tgawdi l-immunità ekklezjastika. Għaxar snin wara l-assedju, jiġifieri fl-1575, Il-Viżitatur Appostoliku tal-Papa Monsinjur Pietro Dusina għamel vista pastorali fid-djoċesi ta' Malta u meta kien qiegħed iżur il-Parroċċa ta' Birkirkara, ħaseb biex jagħmel żjara fil-knisja ta' Santa Venera. Huwa nnota li l-Knisja ta' Santa Venera kienet tgawdi devozzjoni kbira u kienet diġa ssewwiet mill-ħsara li kienet ġarrbet waqt l-assedju. F'dawn in-noti Dusina jgħidilna li l-knisja kienet ġiet imsewwija u kienet tiffunzjona. Dusina ddeskriva l-artal li kien tal-ġebel u qal li kellha bieb tal-injam. Jinnota wkoll li kellha l-bżonnijiet kollha neċessarji għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddies.

Iżda ż-żmien jagħmel tiegħu u bejn li l-knisja kienet ġa qadima ħafna u bejn il-ħsarat li kienet ġarrbet waqt l-Assedju l-Kbir, il-ħtieġa li din tinbena mill-ġdid bdiet dejjem tinħass aktar ma jgħaddi ż-żmien. Fil-1659 il-knisja bdiet tinħatt biex minflokha tinbena waħda akbar u aħjar - prattikament dik li naraw illum. Dan ix-xogħol dam naqra sejjer u kien fl-1688 meta din il-knisja kienet lesta mill-bini u nfetħet għall-pubbliku. Għall-perjodu li nbniet

fih u għall-fatt li ma kinitx knisja parrokkjali, din il-knisja kienet imdaqqsa mhux ħazin. Dan jurina li hija kienet knisja miżmuma tajjeb u fl-istess ħin kienet isservi ħafna nies li kienu jgħixu fuq din ix-xaqliba li kienet imbiegħda sewwa mill-parroċċi ta' Sant Elena ta' Birkirkara u dik ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi.

## Il-knisja nbniet mill-ġdid

Il-knisja nbniet forma ta' troll u kor wara l-artal maġġur, fiha tliet bibien bil-bieb prinċipali jħares lejn in-Nofsinhar u għandu tieqa tonda fuqu. Fil-ġnub għandha żewġ bibien li wieħed iħares lejn il-Lvant u l-ieħor iħares lejn il-Punent. Il-bieb li jħares lejn il-Lvant jinfed għal ġol-kuridur tal-kunvent ċkejken li nsibu mibni maġenb din il-knisja. Il-faċċata hija maqsuma fi tliet panewijiet: f'dak tan-nofs insibu l-bieb u t-tieqa tonda fuqu, filwaqt li fil-panewijiet tal-ġnub fl-għoli naraw żewġ niċeċ vojta. Il-faċċata kollha tagħlaq b'fontispizju kbir. Fuq in-naħa tax-xellug, meta taħres lejn il-knisja, tara kampnar li għandu arkitettura interesanti li fih naraw ħames qniepen. Dan il-kampnar kien miżjud wara, fil-bidu tas-seklu dsatax. Jidher li l-ħsieb kien li fuq in-naħa l-oħra jinbena kampnar ieħor, imma għal xi raġuni dan qatt ma sar. Reċentement il-kampnar inħatt biex reġa' nbena mill-ġdid u l-qniepen li naraw illum mhumiex dawk oriġinali. Dawn tal-lum huma sett li nġiebu mid-ditta Pakard ta' Franza. Il-qniepen l-antiki ġew konservati għall-istorja tagħhom.

## Il-kunvent

Il-kunvent jidher li kien inbena f'nofs is-seklu tmintax. Oriġinarjament mal-bini tal-knisja kienet inbnitilha sagristija u l-ewwel forma ta' eremitaġġ kienu ftit kmamar li kienu imferrxin fl-għelieqi tal-madwar.

Patri Ġwakkin Vivas, li kien Naplitan, kien waqqaf dan il-post bħala eremitaġġ ta' San Kaloġeru, u flimkien ma' eremiti oħra Naplitani u Maltin, bdew jgħixu ħajja spiritwali f'dan il-post. Patri Vivas kompla kabbar dan l-eremitaġġ bil-kunsens tal-Isqof Alferan De Bussan. Għal dan il-għan Patri Vivas bena xi kmamar mal-kunvnet biex l-eremitaġġ seta' jilqa' fiħ aktar eremiti. Dan nafuh mill-vista pastorali li kien għamel l-Isqof Alferan fejn fin-notamenti tiegħu, jagħti deskrizzjoni ta' dan il-kunvent ċkejken. F'waħda minn dawn il-visti l-Isqof jagħtina dekrizzjoni ta' kif kienu jgħixu dawn l-eremiti. Dan jgħid li dawn kienu jgħixu taħt ċerti regoli li ma kellhomx rabtiet ma' ordnijiet reliġjużi oħra. Kienu jilbsu tunika bajda tas-suf u skapular bil-kapoċċ iswed. Dawn kienu jiddependu direttament mill-volontà tal-Isqof.

## Bdil tal-idejn tal-knisja u l-kunvent

Patri Vivas miet f'dan il-kunvent ċkejken fit-12 ta' Ġunju 1749. Għal xi snin wara l-mewt ta' Patri Vivas, l-eremitaġġ kompla jilqa' fih l-eremiti u kien għalhekk li l-Abbati Rafel Dorell kompla kabbar dan il-kunvnet biex tah il-forma li narawh fiha llum. Għalkemm l-eremitaġġ kien jinsab fit-territorju ta' Birkirkara, xorta l-eremiti kellhom ċerta awtonomija. Dan nafuh mill-fatt li fl-arkivju tal-parroċċa ta' Sant Elena nsibu talba mill-Prepostu tal-Kapitlu Elenjan lill-Isqof biex iġiegħel lill-eremiti li kienu f'Santa Venera u lil dawk li kienu jinqdew f'din il-knisja, biex darbtejn fix-xahar jibdew jattendu għall-quddiesa kantata fil-Kolleġjata ta' Birkirkara. Din it-talba saret għaliex skont il-Kapitlu Elenjan dawk ta' Santa Venera kienu awtonomi wisq u għalhekk kienu qishom qegħdin jgħixu f'Bażilka għalihom. Mal-mogħdija taż-żmien l-eremiti bdew jonqsu u kważi ġew fix-xejn. Għalhekk naraw li fit-23 ta' Mejju 1764, il-Prepostu ta' Birkirkara ta f'idejn il-Patrijiet Minuri Osservanti l-eremitaġġ ta' Santa Venera bil-knisja miegħu. Iżda jidher li għal xi raġuni l-patrijiet ma ridux joqogħdu għar-regolamenti imposti fuqhom mill-Prepostu u għalhekk ma qagħdux għall-kuntratt. Dan wassal biex l-eremitaġġ jerġa' jaqa' f'idejn il-kapitlu ta' Birkirkara.

Fil-bidu tas-seklu dsatax il-knisja u l-kunvent ingħataw lill-Ġizwiti, iżda jidher li wara ftit tas-snin dawn reġgħu telquhom minn idejhom biex il-knisja u l-kunvent reġgħu waqgħu f'idejn il-Kolleġġjata ta' Sant Elena.

## Il-miġja ta' Dun Xand Cortis u l-Karmelitani

Fis-sena 1901 l-Isqof Mons. Pietru Pace nnomina lil Dun Xand Cortis bħala rettur ta' din il-knisja u biex jieħu ħsieb in-nies li kienu jgħixu fil-viċinanzi, li issa kienu saru numerużi mhux ħażin. Dun Xand Cortis kien għal qalbu ħafna jaħdem fost in-nies ta' Santa Venera. Dun Xand kien jaf bit-tbatija li dawn kellhom biex jinqdew mill-knisja parrokkjali ta' Sant Elena li kienet 'il bogħod sew minn fejn kienu jabitaw huma. Għalhekk Dun Xand ħabrek kemm felaħ biex il-knisja ta' Santa Venera tkun fi stat li tista' taqdi lill-poplu tal-madwar.

Huwa stinka kemm felaħ biex Santa Venera titwaqqaf bħala parrocca indipendenti. Kien għalhekk li fl-1906, bi ftehim bejn il-Prepostu ta' Birkirkara u d-Djoċesi, il-knisja ngħatat f'idejn il-Patrijiet Agostinjani. Dun Xand, flimkien man-nies tal-inħawi, ferħu ħafna għal din il-mossa. Iżda l-ferħ tagħhom ma tantx dam għax ftit wara l-Agostinjani telqu wkoll għax ma qablux mat-talbiet li għamel il-Kapitlu ta' Birkirkara.

Dun Xand ma qatax qalbu u hekk naraw li bi ftehim ma' kulħadd, fit-30 ta'

Lulju 1912, il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera ngħataw f'idejn il-Patrijiet Karmelitani. Dawn, min-naħa tagħhom, flimkien ma' Dun Xand Cortis bdew iħabirku kemm jifilħu biex il-poplu li kien dejjem jiżdied madwar din il-knisja, ikun moqdi aħjar, u kien għalhekk li fil-11 ta' Marzu 1913 l-Isqof Mons. Pietru Pace ddikjara l-knisja ta' Santa Venera viċi parroċċa. Dun Xand flimkien mal-Karmelitani, komplew iħabirku biex fl-aħħar wasal l-4 ta' Settembru 1918, meta l-Arċisqof Mons Mauro Caruana ddikjara l-knisja ta' Santa Venera bħala parroċċa indipendenti, u bil-limiti tagħha li dawn fil-maġġoranza kienu meħuda mill-matriċi tagħha Birkirkara. Ittieħdu wkoll partijit minn Ħal Qormi, l-Imsida u l-Ħamrun. Il-ferħ tal-Vendriżi kien kbir għal din id-deċizzjoni, imma sfortunatament għal Dun Xand Cortis din ma kinitx ferħa għax leħaq miet sentejn qabel Santa Venera saret parroċċa u għalhekk, dak li kien ilu jaħdem għalih għal tant snin, ma rnexxilux jarah iseħħ.

## Il-parroċċa l-ġdida

Issa l-parroċċa kienet stabbilita u dan kompla żied biex il-ħajja tal-komunità li kienet qiegħda tgħammar fl-inħawi ta' Santa Venera, tkompli tikber u tibni identità tagħha u issa indipendenti minn dik ta' rħula oħra. Iżda jidher li għall-bidu kien inqala' xi inkwiet u nuqqas ta' ftehim ma' Dun Ġużepp Muscat, li kien il-kappillan tal-parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Jidher li dan il-kappillan ma riedx iċedi l-parti tal-limiti tal-parroċċa tiegħu li kienu ser jingħataw lil Santa Venera. Dawn il-limiti kienu l-istess li 37 sena qabel kienu ttieħdu minn Birkirkara, meta l-Ħamrun sar parroċċa. Din il-kwistjoni baqgħet tkaxkar sat-8 ta' Diċembru 1928, meta Dun Ġużepp miet u miegħu mietet l-oppożizzjoni li kien ħoloq biex iċedi t-territorju, speċjalment triq il-Kbira San Ġużepp. Minkejja l-inkwiet mal-kappillan tal-Ħamrun, il-parroċċa ta' Santa Venera kienet importanti għan-nies li kienu jgħixu f'dawn l-inħawi, u fl-istes ħin kienet importanti ħafna għall-Ordni tal-Patrijiet Karmelitani f'Malta, għax kienet l-ewwel parroċċa fil-gżejjer Maltin li kienet fdata f'idejhom. Minn din il-knisja u l-parroċċa tagħha, l-Ordni Karmelitan kompla jiffjorixxi f'pajjiżna. Dan jidher ċar meta tħares kif il-ħidma tal-patrijiet wasslet biex fl-inħawi ta' Fleur-de-Lys wara l-gwerra, jibda jingħata servizz aħjar lil dawk li kienu jgħixu f'din ix-xaqliba tal-parroċċa. Fi żmien il-gwerra dawn l-inħawi ntlew bin-nies li kienu ħarbu mill-ibliet u mill-inħawi tal-Port il-Kbir. Hawn inbnew ħafna djar ġodda li fihom ġew joqogħdu bosta familji.

Fil-1945 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu. Il-pjanta kienet ta' Ġużè D'Amato u l-imgħallem tal-ġebla kien Ġużeppi

Falzon. Fil-1 ta' Jannar 1948, infetħet għall-publiku u saret purċissjoni b'Ġesù Sagramentat mill-knisja parrokkjali ta' Santa Venera għal din il-knisja.

Fid-19 ta' Mejju 1948, l-Arċisqof Mikiel Gonzi kkonsagraha solennement. Issa l-Patrijiet Karmelitani setgħu jilħqu aħjar din il-parti tal-parroċċa. Dan il-pass kompla żied biex l-inħawi ta' Fleur-de-Lys ikomplu jippopolaw ruħhom.

## Il-bini tal-knisja l-ġdida

Filwaqt li kienet qiegħda ssir din il-ħidma kollha, il-patrijiet kienu qegħdin iħabblu rashom fuq ix-xaqliba l-oħra tar-raħal. Fi Triq il-Kbira San Ġużepp, il-bini ġdid kien tiela' ġmielu u l-popolazzjoni kienet qiegħda tiżdied mhux ħażin. Fil-1947 il-patrijiet ħasbu biex maħżen kbir li kien jifforma parti mill-bini imsejjaħ *Château Lonz* jinbidel fi knisja proviżorja biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu aħjar lill-poplu kollu ta' Santa Venera. Din il-knisja kienet iddedikata lil Santa Venera u damet tiffunzjona sal-1969 meta nfetħet għall-pubbliku l-kripta tal-knisja l-ġdida. Fil-1959 inbeda x-xogħol fuq il-bini tal-knisja l-ġdida ta' Santa Venera li kif għedna l-kripta tagħha nfetħet fl-1969. Ftit wara, fil-kumpless tal-knisja l-ġdida, infetaħ kunvent ieħor fejn setgħu jgħixu l-patrijiet. Għalhekk naraw li minn mindu l-Ordni Karmelitan ħa f'idejh il-parroċċa ta' Santa Venera, espanda x-xogħol li din l-Ordni twettaq u li f'qasir żmien infetħu żewġ kunventi oħra, wieħed fil-knisja l-ġdida ta' Santa Venera, u l-ieħor fil-knisja ta' Fleur-de-Lys li sadanittant saret parroċċa fit-13 ta' April 1975.

## Il-ħajja soċjali fir-raħal

Għalkemm il-knisja kienet importanti fl-iżvilup tar-raħal, dan ma jfissirx li bini ieħor ma kienx qiegħed jinbena f'dawn l-inħawi. Ser nerġgħu mmorru lura fiż-żmien u naraw x'kien qiegħed jiġri f'dak li huwa bini residenzjali u soċjali. Nafu biċ-ċert li kienu jeżistu numru kbir ta' rziezet li kienu mferrxin qalb l-għelieqi. Irridu nżommu f'moħħna li l-irħula fi żmien il-medju evu ma kinux kif nafuhom illum, jiġifieri kompatti u l-bini kollu jmiss ma' xulxin.

Dak iż-żmien id-djar kienu jkun separati u mferrxin u kien ikollhom toroq żgħar u mogħdijiet li jgħaqqdu waħda mal-oħra. Tista' tgħid li dawn id-djar u rziezet illum twaqqgħu biex għamlu wisa' għal bini aktar modern. Iżda minbarra djar sempliċi, dawn l-inħawi kienu imfittxija biex fihom jinbnew djar kbar u sbieħ li kienu jistgħu jissejħu palazzi, fejn familji nobbli kienu jiġu għall-villeġġjatura.

## Il-binja tal-Akwadott

Dan l-iżvilupp kompla wara li l-Gran Mastru Fra Alof de Wignacourt kien bena l-Akwadott li mill-inħawi tar-Rabat, kien iwassal l-ilma għall-Belt Valletta. Matul iż-żmien li dam tiela' dan l-akwadott, kienu żviluppati bosta ġonna, u l-inħawi ta' Santa Venera kienu eċċellenti għall-fatt li kellhom ħafna raba' saqwi u kienu viċin tal-Belt Valletta.



L-Akwadott kien inawgurat fil-21 ta' April 1615, b'ċerimonja fi pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta. Il-parti ta' dan l-Akwadott li tgħaddi minn Santa Venera hija l-iktar parti twila u li fiha arkati għoljin. Dawn jiġu min-naħa tal-Imrieħel u jibqgħu neżlin fi Triq il-Kbira San Ġużepp, katuniera ma' Triq Ħal Qormi, fejn hemmhekk insibu t-torri imsejjaħ it-Turretta. Minn dan il-post l-Akwadott ikompli taħt l-art sal-Belt Valletta. Sal-1945 l-Akwadott kien għadu magħqud permezz tal-mina l-kbira li kienet taqsam fuq Triq il-Kbira San Ġużepp. Din kienet mina dekorattiva li kienet isservi bħala passaġġ li minn taħtha tgħaddi għal din it-triq. Sfortunatament fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija krejn kbir tas-servizz Ingliż ma setax jgħaddi minn taħtha u għalhekk ġarrafha. Minn dakinhar l-Akwadott kien inqasam fi tnejn.Wara tkomplew twaqqgħu numru ta' arkati biex jagħmlu wisa' għat-traffiku li beda dejjem iżid fuq din it-triq. Fortunatament illum reġgħet inbniet replika ta' din il-mina biex b'hekk nistgħu nerġgħu ngawdu din il-parti sabiħa ta' dan l-Akwadott.

## L-inħawi ta' Misraħ il-Barrieri

Iktar tifkiriet ta' żmien il-Kavallieri nsibu l-bini li għadu jeżisti sa żmienna li jinsab fi Triq Misraħ il-Barrieri. Dawn l-inħawi kienu attivi ħafna, speċjalment wara l-Assedju l-Kbir meta bdiet tinbena l-Belt Valletta. Ħafna mill-ġebel tal-bini li nsibu fil-Belt kien jinqata' minn dan il-post. Hawnhekk konna nsibu ġebla tajba u kienet viċin tal-Belt il-ġdida, għalhekk kien aktar faċli li l-ġebel jinġarr għall-Belt. Il-bini li nsibu f'dan il-post imur lura għal meta kienet għaddejja din l-attività kollha, u fih kienu jgħixu ħafna nies li

kienu jaħdmu fil-ġebel. Hawnhekk insibu wkoll numru ta' rziezet, li mix-xeħta tagħhom jidher li kienu organizzati bħala ażjenda kbira. Meta tħares lejn il-bini tinnota li dan bħala bini m'għandux x'jaqsam ma' rziezet li ssib fil-kampanja. Bħala bini dan huwa pjuttost bini kbir u sabiħ, filwaqt li partijiet minnu jidhru li kienu jintużaw għall-bhejjem. Il-partijiet ta' fuq kienu r-residenza tas-sidien tal-art. Fuq ċerti bibien naraw simboli ta' ras ta' barri, u fuq bieb ieħor naraw ajkla tistrieħ fuq fekruna. Din tal-aħħar tista' tkun xi simbolu marbut ma' xi kunjom ta' familja. Viċin ta' dan il-bini sa ftit tas-snin ilu, konna nsibu l-Palazz l-Aħmar, li kien residenza privata. Mill-arkittetura tiegħu konna nistgħu naraw li min kien bena dan il-palazz kien ta' ċertu livell fis-soċjetà u kellu pożizzjoni finanzjarja tajba ħafna. Jingħad li għal xi żmien f'dan il-palazz kienu jgħixu xi komunità tas-sorijiet.

Fuq ix-xaqliba l-oħra konna nsibu palazz ieħor li wkoll kien jissejjaħ il-Palazz l-Aħmar. Fil-fatt din ix-xaqliba sal-lum għadha magħrufa bħala tal-Palazz l-Aħmar. Dan kien viċin ħafna ta' fejn illum insibu l-iskola ta' St. Michael, u fil-medju evu konna nsibu r-raħal ta' Ħal Kaprat. Jidher li dan kien dar kbira li fiha kienu joqogħdu familja li kellhom l-artijiet tal-madwar propjetà tagħha u din kienet imqabbla għand il-bdiewa tal-viċin, li kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom mill-prodotti ta' dawn l-artijiet. Dan il-bini kellu daħla li tgħaddi minn taħt arkata li kienet twassal għal dawn l-artijiet. L-artijiet li kienu jappartjenu lil din il-familja fewdatarja, kienu jibqgħu niżlin sal-wied ta' Ħal Qormi.

### Il-Palazz fi Triq il-Kbira San Ġużepp

Fuq Triq San Ġużepp konna nsibu l-Palazz u l-Kappella ta' San Ġużepp, li skont ma' jidher din il-kappella kienet tat l-isem lit-triq, li tibda minn ftit 'il fuq minn din il-knisja u tibqa' sejra sal-Blata l-Bajda. Din il-kappella kienet iddedikata lil dan il-qaddis, iżda ma nistgħux ngħidu jekk l-isem kienx qabel il-kappella.

Dan il-palazz kbir li kien bnieh il-Kommendatur u Viċi-Kanċillier tal-Ordni ta' San Ġwann, il-Kavallier Fra D. Eugen Ramirez Maldonato. Ma' dan il-palazz dan il-kavallier kien bena ġnien sabiħ ferm.

Wara l-mewt tal-proprjetarju, dan il-palazz waqa' f'idejn il-Gran Mastru li min-naħa tiegħu beda jċedi l-palazz lil kull kavallier li jkollu t-titlu ta' Gran Kruċ sal-mewt tal-kavallier partikolari. Meta dan il-kavallier kien imut, il-palazz kien jingħata lil dak il-kavallier li jiret it-titlu ta' Gran Kruċ. Meta l-Franċiżi keċċew lill-Kavallieri minn Malta u ħadu f'idejhom it-tmexxija tal-pajjiż, il-Maltin ma damux ma qamu kontrihom u imblukkawhom 'il

ġewwa mis-swar. Hekk naraw li beda żmien ikrah għal Malta, dan kien żmien ta' gwerra. Il-mexxejja tal-Maltin kellhom bżonn post fejn jagħmlu bħala kwartieri ġenerali. Dan il-post kien meħtieġ li jkun viċin tal-Belt kemm jista' jkun, imma fl-istess ħin ma setax ikun f'żona ta' periklu minn xi attakk għall-għarrieda. Għalhekk bħala kwartieri ġenerali għall-mexxejja tal-Maltin kien intgħażel dan il-palazz, li minnu tista' tgħid li tmexxa l-imblokk kollu kemm hu. Fih konna nsibu l-uffiċċju ta' Manwel Vitali u l-Kanonku Franġisku Saverjo Caruana li kienu l-ġenerali u mexxejja tal-Maltin. Wara li telqu il-Franċiżi u t-tmexxija ta' Malta għaddiet f'idejn l-Ingliżi, dan il-palazz għadda f'idejn il-gvern Ingliż, fejn għall-bosta snin tħalla fi stat ta' abbandun. Fl-1893 il-gvern Ingliż ċeda l-palazz lil Mons. Kan. Prof. F. Bonniċi li ħadu f'idejh għal 99 sena. Il-ħsieb ewlieni tal-Kanonku Bonniċi kien li jibdel dan il-palazz f'istitut għal subien iltiema u fqar. Meta kien rettur tal-istitut, Dun Ġorġ Bugeja kabbar il-bini billi bena żewġ blokki biex fihom ikun jista' jilqa' tfal li kienu dejjem jiżdiedu. Fl-1922 Monsinjur Ġużeppi De Piro, li kien ir-rettur tal-istitut, kompla bena partijiet oħra li naraw illum, fejn għaqqadhom ma' dak il-bini li kien fadal mill-palazz l-antik.

Il-Knisja l-Antika ta' San Ġużepp kienet ġiet profonata fi żmien il-Franċiżi u għalhekk kellha tinbena oħra mill-ġdid. Din inbniet tħares fuq Triq il-Kbira San Ġużepp. Din hija knisja sabiħa ferm u ta' daqs tajjeb; kienet lesta mill-bini fis-sena 1915. Il-kwadru titulari juri s-Sagra Familja u huwa xogħol tal-pittur Lazzaro Pisani (1854-1932).

### Il-Palazz tal-Iljuni

Bini ieħor li rabat ismu ma' Santa Venera huwa bla dubju ta' xejn il-Palazz tal-Iljuni li kien bena għall-villeġġjatura l-Gran Mastru Fra Anton Manoel de Vilhena. Il-Gran Mastru kien għażel dawn l-inħawi għal żewġ raġunijiet: waħda li dan il-post kien viċin tal-Belt Valletta, u għalhekk jekk kien jinqala' xi saram meta jkun qiegħed fil-palazz, dan ma kienx ikun imbiegħed mill-Belt biex jirtira wara s-swar; raġuni oħra kienet l-Akwadott li kien bena Wignacourt, li żgura li l-ilma tiegħu kien ser ikun bżonnjuż biex jissaqqew il-ġonna li l-Gran Mastru bena madwar dan il-palazz.

It-tfassila tiegħu turi li dan inbena fuq stil Barokk Malti, tipiku għaż-żminijiet li nbena fih, jiġifieri 1730. Minn ġewwa kien jixhed il-lussu li kienu mdorrijin jgħixu fiha l-Kavallieri. Fih naraw forma sempliċi imma eleganti fl-istess ħin. Fuq in-naħa ta' wara, il-Gran Mastru bena ġonna mill-isbaħ li llum għadhom ipaxxu lil kull min jarahom. Dawn illum saru ġonna pubbliċi bl-isem ta' Ġnien Romeo Romano. Flimkien ma' dawn il-ġonna l-Gran Mastru



kellu żewġ ġonna oħra separati, li kienu jinsabu viċin tal-Knisja ta' Santa Venera. Dawn il-ġonna kienu jissejħu wieħed Ġnien Santa Veneranda u l-ieħor kien jissejjaħ Tal-Ħamri. Magħhom il-Gran Mastru kellu bini li fih kellu l-istalel taż-żwiemel tiegħu. Dan il-bini għadu jeżisti sal-lum u jinsab quddiem il-Knisja l-Antika. Jingħad li mill-flus li kienu jiddaħħlu mill-bejgħ tal-frott ta' dawn iż-żewġ ġonna, il-Gran Mastru kien jagħmel il-manutenzjoni ta' Forti Manoel li kien bena fuq il-Gżira tal-Isqof fil-port ta' Marsamxett. Dan il-palazz illum qiegħed jintuża bħala ministeru tal-Gvern. Meta l-Gran Mastru kien ikun f'dan il-palazz hu kien juża l-Knisja ta' Santa Venera għall-qadi spiritwali tiegħu.

### Joktor il-bini

Fuq it-triq li mill-knisja kienet tgħaqqad ma' Misraħ il-Barrieri, u fit-triq l-oħra li mill-knisja kienet tiġbed lejn Ħal Kaprat, kien tela' xi bini li donnu kien qiegħed jgħaqqad dawn l-irħula. Dawn it-toroq huma toroq antiki ħafna. Meta tħares lejn mapep antiki ssib li mill-qiegħ tal-Wied tal-Kunċizzjoni, illum l-Imsida, ftit 'il ġewwa mill-Għajn tal-Ħasselin insibu triq, li sal-lum għadha jisimha Triq Santa Venera. Din kienet tibqa' tielgħa sa ma tgħaqqad ma' Triq Misraħ il-Barrieri. Minn hawn it-triq tibqa' sejra sa wara l-ġnien tal-Gran Mastru Vilhena, fejn tgħaqqad ma' trejqa li tagħti għal Misraħ Santa Venera u triq oħra li tkompli tielgħa 'l fuq u tgħaddi minn Ħal Kaprat. Din il-parti tat-triq sa ftit tas-snin ilu, kien jisimha wkoll Triq Santa Venera… illum Triq Braille.

Minn fejn l-Akwadott ta' Wignacourt, it-triq tiltaqa' ma' erba' toroq li waħda tmur lejn il-Belt Valletta, illum Triq il-Kbira San Ġużepp, l-oħra titlaq lejn ir-Rabat, oħra taqsam minn Ħal Kaprat u tibqa' nieżla għal Ħal Qormi, u l-oħra tmur lejn Birkirkara. Bħalma ġa għedna, fuq dawn it-toroq kienu nbnew xi djar u rziezet. Illum qajla għadek issib traċċa tagħhom ħlief xi waħdiet. Wara li t-toroq bdew jiffurmaw u l-inħawi bdew jieħdu sura ta' raħal, kumpless bit-toroq u pjazez, kompla tiela' aktar bini residenzjali. Ma'

dan tela' bini wkoll li kien ta' ċerta importaza. Issa r-raħal ma kienx għadu sempliċiment passaġġ li tgħaddi minnu biex minn Birkirkara tmur fl-inħawi tal-Belt Valletta. Issa Santa Venera kienet qiegħda timtela bil-bini li fih kienu ġejjin familji minn Malta kollha. Dan l-istess proċess kienu għaddejjin minnu wkoll postijiet bħal Il-Ħamrun, Il-Marsa, L-Imsida, Tas-Sliema u postijiet oħra f'Malta li kienu jew viċin tal-Bliet jew viċin ta' xi raħal qadim.

## Djar oħrajn sbieħ u qodma

F'nofs Triq l-Imsida li minn fejn it-Turretta tal-Akwadott tgħaqqad ma' Triq Misraħ il-Barrieri, insibu bini ieħor antik. Din id-dar tidher li hija waħda antika sew u mill-arkitettura tagħha tidher li kienet dar li fiha kienu joqogħdu l-proprjetarji tal-għelieqi tal-madwar. Fil-parti t'isfel tagħha nsibu spira li minnha tgħaddi nixxiegħa tal-ilma naturali, li magħha nsibu sienja antika. Mal-ġnub tad-dar konna nsibu ġonna li kienu kbar ħafna li minn wara kienu jmissu mal-ġonna tal-palazz tal-Gran Mastru. Illum minn dawn il-ġonna fadal ftit biċċiet biss. Aktar 'il fuq fl-istess triq, kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp jiġifieri faċċata tat-Turretta, insibu bini ieħor sabiħ. Din id-dar sabiħa tissejjaħ Palazzo Torretta. Dan huwa bini ieħor sabiħ u miegħu għandu ġnien li għalkemm mhux ta' xi kobor partikolari, xorta jidher li kien inbena b'mod eleganti.

Dar oħra kbira li nsibu ftit 'il bogħod hija dik imsejħa Château Lonz. Dan il-bini jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp u fih nistgħu naraw dik li kienet villa sabiħa. Hawnhekk insibu kmamar spazjużi u bis-saqaf qisu koppla u għandu faċċata wiesgħa. Fuq wara kellha razzett li fih kienu jitrabbew numru kbir ta' bhejjem. Mill-kobor tal-maqjel tal-bhejjem jidher li min kien bena dan il-post kellu negozju tajjeb ħafna. Wara li dan il-post ma baqax jintuża bħal razzett, kien intuża bħala sptar waqt l-imblokk tal-Franċiżi u fih kienu imdewwija dawk il-Maltin midruba. Fi żmien il-gwerra kien rekwiżżiżjonat mis-Servizz Ingliż li użah bħala maħżen. Wara dan il-post kien imħolli b'wirt lill-Patrijiet Karmelitani flimkien ma' xi artijiet mad-dawra, mill-aħwa Beatrice u Eleonora Apap. Fl-20 ta' Ottubru 1947, il-Patrijiet iddeċidew li wieħed mill-imħażen ta' dan il-post jinbidel fi knisja proviżorja ddedikata lil Santa Venera V.M. Wara li saru xi modifikazzjonijiet fil-faċċata, dan il-maħżen beda jintuża bħala knisja biex il-patrijiet setgħu jaqdu aħjar lill-poplu ta' Santa Venera li kien dejjem qiegħed jikber, speċjalment fuq ix-xaqliba ta' Triq il-Kbira San Ġużepp. Din l-knisja baqgħet isservi sal-1969 meta nfetħet il-kripta tal-knisja l-ġdida. Dawn in-nies kellhom ħafna bogħod għall-knisja parrokkjali. Għalhekk din il-knisja proviżorja kienet ta' ġid

kbir għal dawn il-parruċċani. Wara l-Patrijiet bidlu l-kumplament tal-bini fi skola li semmewha Schola Mariano Apostolica sakemm bnew waħda ġdida maġenb il-Knisja l-Qadima. Illum dan il-post qiegħed iservi bħala ċentru parrokkjali u fih jiltaqgħu bosta għaqdiet, fosthom il-Kumitat Festi Esterni Santa Venera. Fih insibu wkoll l-imħażen tal-armar tal-festa, kif ukoll iċ-ċentru taż-żgħażagħ. Fis-sena 2004 f'parti minn dan il-post infetħet kappella għall-Adorazzjoni perpetwa.

## Il-KonservatorjuVincenzo Bugeja



Fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Kbira San Ġużepp insibu il-Konservatorju Vincenzo Bugeja. It-twajjeb Markiż Vincenzo Bugeja (1820-1890) ħaseb biex jibni dan il-bini mill-isbaħ biex fih jilqa' bniet iltiema u foqra. Fil-11 ta' Ġunju 1872, il-Markiż għamel talba lil Arċisqof Gaetano Pace Forno biex jagħti l-approvazzjoni ħalli jkun jista' jinbena dan l-istitut. Fl-24 ta' Lulju tas-sena ta' wara, il-Markiż kellu udjenza mal-Papa Piju IX li min-naħa tiegħu kompla ħeġġeġ lil Markiż biex iwettaq din l-opra. Fl-20 ta' April 1876 tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' dan il-bini mill-mara tal-Gvernatur Sir Charles T. Van Straubenzee li kienet Kattolika. Fit-8 ta' April 1880 dan l-istitut kien lest mill-bini u nfetaħ. Il-pjanta verament sabiħa li nbena fuqha dan il-bini hija biċċa xogħol tajba ħafna tal-arkitett il-Konti Virginion Vespignani li kien l-arkitett tal-Papa Piju IX. Il-kappella li qiegħda mibnija forma ta' skorfina, hija ċ-ċentru tal-bini kollu u għandha koppla verament imponenti. Fuq l-artal maġġur tagħha nsibu pittura li turi lil San Vincenz, xogħol il-Kavallier Domenico Bruschi (1840-1910) minn Perugia.

Mad-dawra tiegħu dan l-istitut għandu ġonna verament sbieħ li tidħol għalihom minn ark forma ta' bieb li fil-parti ta' fuq naraw bust tal-Markiż Buġeja, xogħol il-Professur Tito Angelini (1806-1878) minn Napli. Fin-nofs tal-ġnien ta' quddiem insibu monument li fuqu naraw statwa ta' San Filippu Neri li qiegħed imdawwar bit-tfal orfni. Il-Markiż Buġeja kien imżejjen bit-titlu ta' Kavallier mill-Prinċep ta' Wales, bħala rikonoxximent ta' din l-opra li kien witta meta bena dan il-konservatorju. Matul it-Tieni Gwerra Dinija dan il-bini kien inkera mill-Gvern biex sar il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija,

li qabel kien fis-Sagra Infermerija fil-Belt. Il-Kwartieri kellu jiċċaqlaq mill-Belt minħabba l-periklu tal-attakki tal-għadu. Wara l-gwerra għal xi żmien baqa' jintuża bħala kwartieri sal-1954 meta l-pulizija marru l-Furjana, f'bini li sa ftit qabel kien jintuża bħal sptar.

## L-Istitut Tekniku Vincenzo Bugeja

Fi Triq il-Kbira San Ġużepp insibu bini ieħor interessanti u li għandu rabta mill-viċin mal-Markiż Bugeja u Martu l-Markiża Bugeja. Dan il-bini huwa l-Istitut Tekniku Vincenzo Bugeja.

Il-Koppja Bueja ħasbu biex ikomplu l-opra ta' karità mal-foqra u bnew dan l-Istitut Tekniku għal subien foqra u ltima biex fih jitgħallmu s-snajja' u jkunu jistgħu jibnu futur għal ħajjithom. Din kienet l-ewwel skola teknika f'Malta u sa dakinhar li nfetħet fl-1 ta' Novembru 1914, ħadd qatt ma kien ħaseb biex żgħażagħ foqra jkunu mgħallmin biex iħabbtu wiċċhom mal-ħajja.

Meta wieħed iħares lejn dan il-bini jinnota li dan huwa bini mill-isbaħ u li għandu arkitettura sinjorili ħafna. Fih insibu bosta magni u għodda biex wieħed ikun jista' jitgħallem snajja' differenti. Għal dawk li riedu jieħdu s-snajja' b'iktar serjetà, saret librerija armata sewwa b'kotba li jittrattaw it-teknika ta' bosta snajja'. Madwar il-bini kollu naraw numru ta' ġonna li jkomplu jżejnuh. Fil-faċċata imponenti tiegħu naraw skultura sabiħa li tirrappreżenta għodda u strumenti ta' snajja' diferenti. Matul l-Ewwel Gwerra Dinija, dan il-post intuża bħala sptar militari, u fit-Tieni Gwerra Dinjija ntuża bħala sptar ċivili. Wara l-gwerra f'dan il-post, inġiebet l-iskola Approvata li fiha kienu jinżammu żgħażagħ ġuvintur li jkunu taħt l-età u jkunu nqabdu għamlu xi atti ta' delinkwenza. Dawn kienu jiġu edukati u mgħallmin biex ikunu jistgħu jaffaċċjaw il-ħajja. Ma' dawn kienu jiġu ġuvintur li jkunu ġejjin minn familji bi problemi, u l-istess jingħataw it-taħriġ.

Għal xi żmien dan il-post beda jissejjaħ Is-Salvatur, iżda wara beda jissejjaħ Skola San Filippu Neri. Wara dan iż-żmien, il-Gvern ħaseb biex jibda juża dan il-bini bħala post għall-ħidma soċjali. Fil-fatt insibu li dan beda jissejjaħ Ċentru Ħidma Soċjali. Fih insibu diversi entitajiet li jwettqu xogħol soċjali, u saħansitra għal xi żmien konna nsibu wkoll Ministeru tal-Gvern fih.

## Konservatorju Adelaide Cini

Iktar 'l isfel fi Triq il-Kbira San Ġużepp insibu bini ieħor importanti u li għandu storja marbuta miegħu. Dan huwa l-Konservatorju Adelaide Cini

li jinsab faċċata tal-bini msejjaħ Château Lonz. Oriġinarjament dan il-bini kien dar kbira flimkien ma' fabbrika tal-għaġin, li kienu proprjetà tal-familja Cini mill-Belt Valletta. Bint is-sinjuri Cini Adelaide kellha f'moħħha li tibdel id-dar tal-ġenituri tagħha f'istitut għal xebbiet li jkunu qabdu t-triq il-ħażina, u f'dan il-post jiġu riformati. Dan il-ħsieb ta' Adelaide seħħ fl-1864, meta f'dan il-post bdew jintlaqgħu tfajliet u xebbiet. Dan l-istitut kien suċċes kbir u meta Adelaide wirtet il-fabbrika ta' missierha, din iddeċidiet li bl-għajnuna ta' bosta benefatturi, twaqqa' l-fabbrika, u minflokha tibni istitut ġdid li fih ikun jista' jilqa' iktar xebbiet.





Fil-bitħa interna ta' dan l-istitut, inbniet knisja mill-isbaħ fuq stil semi-gotiku bi flus is-sinjura Mary Zammit li ġiet iddedikata lill-Qalb ta' Ġesù. Din il-knisja kienet ikkonsagrata mill-Arċisqof Dom Mauro Caruana OSB fis-16 ta' Ottubru 1919. Meta wieħed iżur din il-knisja jista' jammira l-arkitettura interessanti tagħha. Minn ġewwa din hija mżejna b'możajk verament sabih. Dan ix-xogħol tal-możajk jurina xeni marbuta mal-ħajja ta' Kristu, u ħafna simboli marbuta mal-Ewkaristija. Sfortunatament parti minn dan l-istitut kienet inqerdet b'nirien li kienu ħakmuh, u għalhekk kellha terġa' tinbena mill-ġdid. Is-Sorijiet tal-Karità kienu fdati biex imexxu dan l-istitut li fih is-sorijiet saħansitra kienu fetħu skola żgħira. Illum dan il-bini jinsab jospita fih nies bi problemi soċjali u t-tmexxija tiegħu hija fdata f'idejn il-lajċi.

## L-Istitut t'Apap

Meta wieħed jibqa' nieżel Triq il-Kbira San Ġużepp fid-direzzjoni tal-Ħamrun, jiltaqa' ma' bini ieħor li qiegħed iwettaq xogħol ta' fejda. Dan il-bini

huwa l-Istitut ta' Apap. Oriġinarjament hawnhekk kienet wieqfa l-villa tas-Sinjuri Apap. Is-sur John Apap kien jgħix ma' ħutu f'din il-villa, u meta ra li ħutu kienu qegħdin jikbru fl-età, ħaseb biex iġib xi sorijiet Dumnikani biex jieħdu ħsiebhom. Is-Sur Apap miet fil-1938 u fit-testment ħalla lis-sorijiet werrieta ta' ħutu. Waqt wieħed mill-attakki mill-ajru waqt it-Tieni Gwerra Dinjija kienu ntefgħu xi bombi fuq l-inħawi ta' Santa Venera. Tnejn min dawn il-bombi ġew direttament fuq din il-villa u qerduha kompletament. L-aħwa tas-sur John Apap li kien għadhom ħajjin, sfaw vittma ta' din il-qerda u mietu mirduma taħt it-tifrik tal-villa fis-6 ta' Awwissu 1943. Wara l-gwerra s-sorijiet Dumnikani ħasbu biex mill-ġid li kien ħallielhom is-Sur Apap, iwettqu xogħol ta' fejda għall-proxxmu. Għalhekk ħasbu biex minflok il-villa, jinbena istitut li fih seta jilqa' nisa anzjani li ma kellhomx min idur bihom. Il-bini nbena fuq pjanta tal-perit G. Vincenti u l-imgħallem tal-ġebla kien Feliċ Mifsud. L-ewwel ġebla tqiegħdet fid-9 ta' Diċembru 1951 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Fis-17 ta' Ġunju 1954 dan il-post kien imbierek u inawgurat. F'dan il-bini nsibu kappella ħelwa ħafna li għandha artal wieħed. Fuq dan l-artal naraw kwadru tal-Madonna tar-Rużarju xogħol il-pittur Willie Apap (1918-1970).




## Għeluq

Dan, fi ftit kliem, huwa r-raħal ta' Santa Venera li 100 sena ilu sar Parroċċa, iżda dan ir-rahal għandu storja li ilha ħafna itwal minn hekk. Min din l-informazzjoni li jien ġbart mal-mogħdija taż-żmien, jidher ċar li l-istorja ta' dan ir-raħal hi waħda mżewqa u li tinfirex fuq medda ta' kważi żewġ sekli.

Illum Santa Venera nbidel f'raħal modern u ċentrali ħafna, sar raħal popolat sewwa li l-popolazzjoni tiegħu taqbeż l-10,000 resident. Iżda xorta għad fadlilna mkejjen li jfakkruna fl-imgħoddi. Dawn l-imkejjen huma mħalltin ma' ħafna bini modern li jagħti laqta moderna lil dan ir-raħal tagħna. Iżda fuq dan kollu jispikka l-isem tar-raħal li huwa l-istess isem tal-Qaddisa patruna tagħna u dan bla dubju ta' xejn, jagħtina stampa ċara tal-istorja li għadda minnha dan ir-raħal li minn dejjem żamm l-istess isem: dak ta' Santa Venera.

## Referenzi:


1. *Museum Annual Reports* (Mużew tal-Arkeologija, Valletta)
2. Achille Ferres: *Descrizione Storica della Chiesa di Malta e Gozo*
3. S. Laspina: *Ġrajjet il-Gżejjer Maltin*
4. Temi Zammit: *Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja tagħhom*
5. Lawrenz M. Sammut, O.Carm: *Is-Santwarju tal-Karmnu (1952)*
6. Alexander Bonnici: *L-Istituti ta' Ħajja Kkonsagrata*
7. Laurence Mizzi: *Adelaide Cini 1838-1885: L-Appostlu tat-Toroq*
8. Joe F. Grima: *Il-Kavalieri f'Malta*



**VANROBAEYS**

Mob: 9986 9202



**VOGUE**

Shoe Repair Service Offered

For all Types of Shoes & Shoe Products
Having High Quality @ Bargain Prices
**Tel: 2704 0013**

97, St. Joseph High Road, Ħamrun
https://www.facebook.com/Vogueshoerepair